# IR-RAPPREZENTANT TA' SANTA KLAWS

Timothy kien tfajjel ta' karattru ferriehi, kuntent u dejjem bit-tbissima fuq xufftejh. Ma kien jonqsu xejn. Ghaz-zmien tal-Milied qala' rigali bil-bosta, u dak kollu li xtaq. Imma dak il-Milied ma kien kuntent xejn ghaliex kien l-ewwel Milied minghajr il-kumpanija ta' ohtu t-tewmija. Kien ihobbha daqs dawl ghajnejh. Maghha kien jiggieled u ftit tal-mumenti wara jaghmel paci, maghha kien jilghab u jaqsam l-esperjenzi ta' hajtu. Izda l-hajja taf tkun kiefra u thalli qsim il-qalb warajha. Veru li maz-zmien il-gerha tfieq izda l-marka tibqa' hemm. Fil-bidu ta' dik is-sena ohtu qabditha "menengite" u fi ftit tal-jiem mietet. "Ahjar li kont jien" kien jghid wahdu meta kien jitfaccalhu dan id-dulur quddiemu.

Meta dan il-piz kien itaqqlu, kien jmur jitkellem ma' Patri Guzepp li ghalkemm kien imdahhal fiz-zmien kien imfittex hafna miz-zaghzagh tal-parrocca ta' San Mawro. Il-patri kellu qrib it-tmenin sena ghalkemm ma kienx jidirhom, izda mohhu kien ta' hamsa u ghoxrin. Mieghu kien ihossu jistrieh, il-pariri li kien jaghtih kienu jservu ta' solljiev ghalih.

Qal lil ommu li ser johrog jaghmel dawra u weghedha li ghal ikel ser ikun fil-hin. Timothy terraq mat-toroq tal-belt u lemah hafna dawl ta' kull ghamla u kulur jixeghlu u jteptpu wara t-twieqi f'hafna djar. Daqqa jara s-sigra tal-Milied dekorata b'dwal irqaq u ta' kull ghamla ibiddlu kontinwament id-disinn

tal-mixja tad-dwal, ohra jilmah stillel jixghelu u jitfu, xemghat imzejna b'kull mod u hafna tipi ta' dwal ohra. Imma  li impressjonah kien dak li ra wara wahda mit-twieqi mdallma tat-triq. Id-dlam tal-kamra kien miksur biss minn dawl baxx. Meta resaq aktar qrib seta' jara zewg kalzett kbar tal-Milied imdendlin ma' hajt fuq zewg soddod u mara bil-qieghda fuq siggu tikbi d-destin taghha. "X'seta' gralha dik il-mara? Qieghda tikbi f'dawn iz-zmienijiet ta' ferh?" qal bejn u bejn ruhu.

Il-kalzetti tal-Milied fakkruh fil-mod ta' kif huwa u ohtu kienu jdendluhom ma' dahar is-siggu biex imbaghad l-ghada filghodu kienu jsibuhom imballati bir-rigali. "Mhux ta' min jhalli lil din il-mara tikbi f'dawn il-jiem qaddisa" grielu l-hsieb f'mohhu. "Wara kollox il-flus li ghandi mhux tieghi? Naghmel bihom li rrid," qal bejnu u bejn ruhu. U hekk rega' lura lejn id-dar. Ommu skantat meta ratu daqshekk kmieni. Ghal ikel kien ghad fadal hin. "Ma,"qalilha bil-ghaggla,
"insejt niehu mieghi xi haga." Dahal jigri fil-kamra tieghu, fetah il-kexxun u ha mieghu xi flus.

"Rega' hiereg" ghajjat lil ommu. U qabel ma ommu setghet tkellmu, gheb mid-dar.

Habbat il-bieb ta' dik il-mara u hareg envelop. Minn taht il-ghajn dik il-mara hasbet li kien qed jigbor xi flus ghall-karita' u minnufih qaltlu, " Ma ghandix flus ghalik. Ma fadalli xejn ghaz-zewgt uliedi."

 "Mhux ghalhekk qieghed hawn. Gejt naghtik xi ftit mill- flus li qlajt f'dan iz-zmien ghalik u ghal uliedek," wegibha

Timothy.

"Grazzi minn qalbi u Alla jbierkek guvnott," wegbitu l-mara kollha gratitudni. "Issa nkun nista' nixtrilhom il-htigijiet. Tista tghidli ismek ghax ma nafekx? Ma nahsibx li inti minn dawn l-inhawi?"

"Sejjahli r-rappresentant ta' Santa Klaws," qalilha Timothy b'nofs dahqa u bit-tbissima fuq xuftejh. Taha l-festi t-tajba u kien pront telaq biex il-mara ma tistaqsix aktar domandi. F'mohhu kellu jidwi l-hsieb li dawk il-flus kienu ser iservu ta' gid ghax l- omm kienet ser tonfoqhom ghal uliedha tewmin. Hu wkoll kellu ohtu tewmija izda issa ma ghadiex aktar. Kien kuntent ser itir bil-generosita' li ghamel ma' min kien fil-bzonn.

Ta' kull sena fi zmien il-Milied, Patri Guzepp kien jiehu z-zaghzagh tal-Parrocca ta' San Mawro ghal tlett ijiem f'laqgha ta' ferh, kif kien jghid hu, "mal-Mulej, fil-Mulej u bil-Mulej."

Kienu jmorru f'dar ta' l-iritri ta' l-istess ordni xi erba' sighat kowc ‘l boghod mill-parrocca. Din id-dar kienet parti mill-kunvent ta' l-ordni tat-Terezjani mibni fil-kampanja u maqtugha ghaliha wahedha minn kull abitazzjoni u l-irziezet ta' l-ghelieqi. Kull zaghzugh kien jirsisti li ma jfallix din il-laqgha. Kienu jiehdu l-kitarri maghhom u xi tamburlini ma’ kienux jonqsu wkoll.

Izda din id-darba Timothy ma marx. Patri Guzepp kien wasal biex idawwar l-ahhar numru tat-telefon biex jara ghaliex ma kienx tah risposta li ser jattendi izda wara li hasibha rega'

poggieh lura f'postu. Minhabba t-taqlib li kien ghaddej minnu iz-zaghzugh hallieh fil-liberta' li jaghzel hu, ghalkemm kien hajru biex jattendi ghax kien iservih ta' gid.

Meta nizel ghall- kolazzjon, ommu staqsietu, "Kif kien li ma mortx ma' Patri Guzepp? Ma kont tfallieha qatt. Gralek xi haga?"

"Le xejn, ma. Sempliciment li ma inhossnix fiha'" wegibha Timothy.

Ommu ma sfurzatux aktar biex jitkellem u t-tnejn zammu s-skiet tul l-hin tal-kolazzjon. Wara tela' fuq u nghalaq go kamartu.

Meta dahlet sewwa l-ghodwa, habbat il-bieb. Quddiem omm Timothy tfaccat mara zaghzugha u staqsiet ghal Timothy biex tirringrazzjah. "Ghamilt dmiri fic-cirkustanzi," qalilha Timothy.

Ommu dahhlitha gewwa u l-mara rrakkontat kollox. Semmitilha kemm swiet il-karita' li binha ghamel maghha. "Bihom xtrajt il-medicina li kellha bzonn binti. Zewgi hallieni armla b'zewgt itfal iltiema. Miet tragikament meta kien qed iqassam il-provisjon lis-suldati ghaz-zamma tal-paci fl-Irlanda u karozza bomba splodiet u qaltlitu. Il-pensjoni li ndahhal ma isservinix ghall-bzonnijiet tal-hajja ahseb u ara biex nixtri l-medicini ghal-binti."

"Biex sirt naf min kien l-benefattur thabbat mhux ftit nistaqsi ghall-indirizz tieghu biex nigi nirringrazzjah. Kienet l-

ghajnuna ta' Patri Guzepp li waslittni hawn."

Omm Timothy dahlet gewwa tipprepara ftit te' filwaqt li z-zaghzugh baqa' jitkellem maghha. Qabel ma' ommu harget mill-kcina ghal gos-salott, Timothy fesfsilha wahda go widnejha u hija baxxiet rasha biex turih li taqbel mieghu. Dorothy radditilhom hajr mill-gdid u wriethom li trid titlaq ghax kien sarilha l-hin. Waqfuha fil-bieb u filwaqt li omm Timothy taha basket bl-ikel, Timothy ippresentalha zewg pakketti ghat-tewmin. Wiehed minnhom kien ajruplan u l-kaxxa l-ohra kienet il-pupa li ohtu kienet thobb tilghab biha.

"Mela ghalhekk ma mortx ma' Patri Guzepp," qaltlu ommu, " ghax kont nieqes mill-flus. Tajthom karita'. Ghaliex ma tkellimtx?"

Timothy kien ferhan ser itir li l-generosita' tieghu kienet kagun biex it-tewmin jifirhu f'dan iz-zmien ta' paci.

"Timothy" qaltu ommu, " ipprepara hwejgek. Ser inwasslek jien bil-karozza ghand Patri Guzepp . Cempiltlu u gharraftu biex jistenniek."